# Il-Ħadd 08.11.2020

1. Illum 08/11:-
   - Fl-4:00pm - Isir it-tberik tal-oqbra fiċ-Ċimiterju.
     *Minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti l-quddiesa mhux ser issir hemm.*
   - Fil-5:00pm - Rużarju fil-knisja parrokkjali.
   - Fil-5:30pm - Quddiesa fil-knisja parrokkjali.
     - Infakkar li b'rabta maċ-ċimiterju, qed tinġabar ukoll il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta mal-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, il-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopri s-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra. Napprezza wkoll il-ġenerożità tagħkom jekk toffru donazzjoni biex inkomplu ntaffu xi spejjeż tal-manutenzjoni taċ-ċimiterju.
     - Infakkar li matul dan ix-xahar ta' Novembru huwa miftuħ il-booking tal-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2021 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom. Minħabba is-sitwazzjoni li qegħdin fiha, min jixtieq jagħmel dan mitlub iħalli envelop b'ismu u kunjomu u *contact* (Mobile, telefon, jew email) fil-*letterbox* tal-Uffiċċju Parrokkjali, u ġo fih jara li jkun hemm il-lista bl-ismijiet tal-intenzjoni, bil-jum u l-ħin tal-quddiesa mitluba, flimkien mal-offerta tal-quddies. Imbagħad jiġi kkuntattjat mill-Kappillan biex jgħarrfu bid-dati u l-ħinijiet miktuba.

2. It-Tlieta 10/11:-
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fiċ-Ċentru Parrokkjali.

3. Il-Ħadd 15/11, **Jum il-Foqra.**

4. Avviżi oħra:-
   - Fuq inizjattiva tal-Parroċċa u l-Kunsill Lokali, l-Aġenzija għas-Servizzi Komunitarji u Terapewtiċi ser tibda toffri nofs ta' nhar servizz ta' moniteraġġ soċjali b'xejn li min jixtieq kull nhar ta' Ħamis f'kamra apposta fil-binja tal-Kunsill Lokali. Dan is-servizz ser jibda mill-Ħamis 12/11. Aktar dettalji mingħand il-Kappillan u l-Kunsill Lokali.
   - Il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2021. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 165 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 100 bħala donazzjonijiet b'risq l-istess għan.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief
     fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.